



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' April 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0133(COD)

8900/23
ADD 4

PI 57
COMPET 386
MI 354
IND 208
IA 90
CODEC 750
RC 11

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 125 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar privattivi essenzjali standard u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1001

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 125 final.

Mehmuż: SWD(2023) 125 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2023
SWD(2023) 125 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[\[...\]](#)

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar privattivi essenzjali standard u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1001

{COM(2023) 232 final} - {SEC(2023) 174 final} - {SWD(2023) 123 final} -
{SWD(2023) 124 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar il-proposta għal regolament biex jinholq regjistru għall-privattivi essenzjali għal standard, sistema għall-evalwazzjoni tal-essenzjalità tal-privattivi, mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tat-tilwim FRAND u proċess għad-determinazzjoni <i>ex ante</i> tar-royalty aggregat għal standard.
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhil-problema li qed tiġi indirizzata?
Il-Privattivi Essenzjali għal Standard (SEPs) huma privattivi li jipproteġu teknoloġija meħtieġa biex jiġi ssodisfat standard tal-industrija. Standards bħal dawn huma, pereżempju, l-istandards ta' komunikazzjoni (eż. 3G, 4G, 5G, WiFi, NFC), l-istandards tal-kompresjoni u tad-dekompresjoni tal-awdjo/tal-vidjo (MPEG, HEVC), kif ukoll it-teknoloġiji standardizzati għall-ħżin u għall-iskambju tad-<i>data</i> (CD u DVD), il-formati tar-ritratti (JPEG), u l-interoperabbiltà tal-awdjo/tal-vidjo tad-dar (HAVi). Fil-prattika ħafna mill-istandards ta' komunikazzjoni jikkonċernaw l-apparati konnessi kollha inklużi mowbajls, smart TVs, karożżi konnessi, smart meters u terminals ta' pagament mobbli; standards oħra jintużaw ukoll f'varjetà wiesgħa ta' prodotti. L-applikabbiltà tal-SEPs li jkopru dawn l-istandards kollha (b'mod partikolari għall-komunikazzjoni) se tiżdied hekk kif jiżdied l-“Internet tal-Oġġetti” (Internet of Things, IoT), kif ukoll ma' ħafna inizjattivi li għandhom l-għan li jiksibu tranżizzjoni ekoloġika (eż. il-konservazzjoni tal-enerġija). L-SEPs huma “essenzjali” fis-sens li l-invenzjoni koperta bi privattiva trid tintuża (tiġi implimentata) fi prodotti biex tikkonforma ma' standard tekniku. B'riżultat ta' dan, is-sid tal-SEP jeżerċita setgħa privileġġata fis-suq fuq l-implimentatur tat-teknoloġija standardizzata, peress li ma hemm l-ebda alternattiva għall-użu tal-SEPs tiegħu. Għalkemm jista' jkun hemm standards differenti għal xi funzjonalitajiet (eż. vidjo), għal ċerti standards, użati b'mod wiesa' (b'mod partikolari l-konnettività ċellulari bħall-4G, il-5G), ma hemm l-ebda alternattiva. Biex inaqqsu jew jipprevjenu l-abbuż ta' din is-setgħa, l-organizzazzjoni tal-iffissar tal-istandards li fiha l-kumpaniji huma membri u li jiddikjaraw l-SEPs tagħhom lilha, teħtieġhom jimpenjaw ruħhom li jilliċenzjaw l-SEPs tagħhom skont termini “ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji” (FRAND) għall-implimentaturi. Minbarra dan l-impenn ġenerali, ma hemm l-ebda leġislazzjoni tal-UE li tirregola speċifikament il-liċenzjar tal-SEP. Matul it-tnejn ta' din l-inizjattiva, il-Kummissjoni gābret ammont sinifikanti ta' evidenza mill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-SMEs, li indikat li l-proċess ta' liċenzjar tal-SEP ma huwiex effiċjenti u jeħtieġ aktar trasparenza u struttura. Kwistjonijiet relatati mal-liċenzjar tal-SEP jitqajmu wkoll b'mod regolari mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, inkluż id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Xi kwistjonijiet ewlenin ta' tħassib huma l-kostijiet għoljin tat-tranżazzjonijiet tal-liċenzjar u l-inċertezza dwar il-piż tar-royalties tal-SEP. Minħabba nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti, l-implimentaturi ma jistgħux jivvalutaw l-esponiment tagħhom tal-SEP bil-quddiem biżżejjed biex iqisu l-kostijiet tal-liċenzjar meta jipplanaw in-negozju tal-prodott tagħhom. Min-naħa l-oħra, is-sidien tal-SEP jilmentaw dwar negozjati twal u għaljin, speċjalment ma' implimentaturi kbar. B'mod aktar speċifiku, ġew identifikati l-fatturi li ġejjin ta' dawn il-problemi: L-ewwel nett, hemm biss informazzjoni limitata dwar min huwa s-sid tal-SEPs u ma huwiex ċert li l-privattivi kollha li jfittxu li jiġu liċenzjati huma verament meħtieġa (essenzjali) biex jiġi implimentat standard. It-tieni, hemm ftit li xejn informazzjoni dwar it-tariffi tal-liċenzji tal-SEP (FRAND royalty), u għalhekk l-implimentaturi bi ftit jew b'ebda għarfien espert isibuha impossibbli li jivvalutaw ir-raġonevolezza tad-domanda għal royalty

ta' sid ta' SEP. Fl-aħħar nett, it-tilwim dwar il-liċenzjar jista' jkun intensiv fiż-żmien u fil-kostijiet. Għalhekk, is-sempliċi theddida ta' inibizzjoni (li twassal għal sospensjoni tal-produzzjoni ta' prodotti li allegatament jikkostitwixxu ksur) u l-probabbiltà ta' proċedura tal-qorti twila u li tiġi tiswa ħafna flus, jistgħu joħolqu pressjoni inkludibbli fuq l-implimentaturi, speċjalment l-SMEs, biex jaqblu dwar liċenzja b'rati li jistgħu ma jkunux FRAND. Għas-sidien tal-SEP, riżoluzzjoni fil-qrati tikkonsma wkoll ammont sinifikanti ta' riżorsi u b'mod partikolari żmien, u matul dan iż-żmien ma jirċievu ebda introjtu mir-royalty.

Is-suq tad-dħul mil-liċenzjar huwa sinifikanti. Fl-2015, ġie stmat għal madwar USD 18-il biljun madwar id-dinja għal standards taċ-ċellulari biss. Jekk wieħed jassumi li l-kumpaniji tal-UE qed iħallsu sehem proporzjonali lill-PGD tal-UE, tal-anqas madwar EUR 3 biljun ta' royalties jitħallsu mill-implimentaturi tal-UE kull sena. Hemm madwar 261 liċenzjatur attiv tal-SEP globalment, b'31 li jinsabu fl-UE (atturi ewlenin huma Nokia, Ericsson, Phillips u Siemens) li għandhom madwar 15 % tal-SEPs madwar id-dinja. L-għadd ta' implimentaturi potenzjali fl-UE huwa stmat għal 3 800.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

Din l-inizjattiva għandha l-għan li: (i) tiżgura li l-utenti finali, inklużi n-negozji ż-żgħira u l-konsumaturi tal-UE jibbenefikaw minn prodotti bbażati fuq l-aħħar teknoloġiji standardizzati bi prezzijiet raġonevoli; (ii) tagħmel lill-UE post attraenti għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp tal-istandards (inkluż għall-parteċipanti globali); u (iii) tiżgura li kemm is-sidien tal-SEP tal-UE kif ukoll l-implimentaturi jinnovaw fl-UE, jagħmlu u jbigħu prodotti fl-UE u jkunu kompetittivi fi swieq globali mhux tal-UE.

Biex jinkiseb dan ir-riżultat, l-inizjattiva tistinka biex tiffaċilita n-negozjati tal-liċenzjar tal-SEP u biex tnaqqas il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet kemm għas-sidien tal-SEP kif ukoll għall-implimentaturi billi (i) tipprovdi aktar ċarezza dwar min huwa s-sid tal-SEPs u liema SEPs huma verament essenzjali; (ii) tipprovdi aktar ċarezza dwar ir-royalty FRAND u termini u kundizzjonijiet oħra; u (iii) tiffaċilita s-soluzzjoni tat-tilwim tal-SEP.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

L-azzjoni fil-livell tal-UE hija mistennija li tiffranka l-kostijiet għall-partijiet ikkonċernati, kemm għas-sidien tal-SEP u għall-implimentaturi, kif ukoll għall-Istati Membri. Pereżempju, ikun hemm reġistru wieħed tal-SEP, kontroll tal-essenzjalità wieħed għal kull familja tal-privattivi, metodoloġija komuni waħda għal dawn il-kontrolli, u proċess ta' konċiljazzjoni simplifikat u trasparenti għad-determinazzjonijiet tal-FRAND. Is-sidien u l-implimentaturi tal-SEP ma jkollhomx għalfejn iġarrbu l-istess kostijiet f'kull Stat Membru tal-UE kif ikun il-każ b'soluzzjonijiet nazzjonali, speċjalment f'sitwazzjoni fejn il-biċċa l-kbira tal-istandards ikunu reġjonali jew globali.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

L-għażliet ta' politika jinbnew b'mod inkrementali, b'kull waħda qed iżżid elementi ġodda ma' dik preċedenti.

- **Għażla 0: L-ebda bidla fil-politika.**
- **Għażla 1: Gwida volontarja.** Se tistabbilixxi gwida mhux vinkolanti dwar il-liċenzjar tal-SEP. Ċentru ta' kompetenza dwar l-SEPs maħluq fi ħdan l-EUIPO¹ jipprovdi pariri bla ħlas lill-SMEs dwar in-negozjati tal-liċenzjar (inkluż it-taħriġ) u jissorvelja s-suq tal-SEPs, iwettaq studji dwar il-liċenzjar tal-SEP u jippromwovi soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.
- **Għażla 2: Reġistru tal-SEP b'kontrolli tal-essenzjalità.** Is-sidien ta' SEP li jkunu qed ifittxu li jilliċenzjaw l-SEPs tagħhom għal royalty u li jinfurzawhom fl-UE jkollhom jirreġistraw il-privattivi tagħhom fir-reġistru tal-SEP. Sabiex tiġi kkontrollata l-kwalità tar-reġistru, il-kontrolli tal-essenzjalità jitwettqu minn evalwatur indipendenti skont metodoloġija li għandha tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni fil-livell tal-UE u sistema amministrata mill-EUIPO. Is-subgħażliet huma li (i) jiġu vverifikati l-privattivi rreġistrati kollha jew li (ii) jiġi vverifikat għadd żgħir ta' privattivi magħżula minn qabel mis-sidien/implimentaturi tal-SEP u kampjun aleatorju ta' privattivi rreġistrati minn kull sid tal-SEP.
- **Għażla 3: Reġistru tal-SEP b'kontrolli tal-essenzjalità u bi proċedura ta' konċiljazzjoni.** Qabel ma titnieda litigazzjoni, il-partijiet għat-tilwima dwar il-liċenzjar tal-SEP ikollhom jgħaddu minn proċess ta' konċiljazzjoni obbligatorju (b'xi eċċezzjonijiet). Konċiljazzjoni indipendenti tfittex li tgħin lill-partijiet jilħqu termini u kundizzjonijiet ta' liċenzjar aċċettabbli b'mod reċiproku. Fi tmiem il-proċess, il-konċiljatur se joħroġ rapport mhux vinkolanti b'rakkomandazzjonijiet dwar ir-rata FRAND (b'parti kunfidenzjali u b'oħra mhux kunfidenzjali).
- **Għażla 4: Royalty aggregat għall-SEPs.** Jiġu stabbiliti proċessi għad-determinazzjoni ta' royalty aggregat (jiġifieri, il-prezz massimu totali) għall-użu ta' standard qabel jew flit wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Is-sidien tal-SEPs ikunu mistennija jaqblu fuq tali royalty (potenzjalment bl-għajjnuna ta' faċilitatur indipendenti miċ-ċentru ta' kompetenza). Barra minn hekk, kemm l-implimentaturi kif ukoll is-sidien tal-SEP jistgħu jitolbu opinjoni esperta dwar ir-royalty aggregat, fejn il-partijiet interessati kollha jkunu jistgħu jippreżentaw il-fehmiet tagħhom. Fl-aħħar nett, royalty aggregat jista' jiġi ddeterminat matul il-konċiljazzjoni. Dan ir-royalty aggregat ma jkunx vinkolanti u jiġi ppubblikati fir-reġistru tal-SEP.
- **Għażla 5: Punt ċentrali ta' koordinament tal-SEP.** L-istabbiliment ta' punt uniku ta' servizz għall-implimentaturi biex jiksibu l-liċenzji tal-SEP billi jiddepożitaw royalty aggregat maċ-ċentru ta' kompetenza. Is-sidien tal-SEP għandhom jinformat li liċ-ċentru dwar kif għandhom jallokaw ir-royalty aggregat bejniethom, u fin-nuqqas ta' dan ma jkunx jistgħu jiġbru l-pagamenti tar-royalty tagħhom. Għandhom ukoll jiffirmaw ftehimiet ta' liċenzja ma' kwalunkwe implimentatur li jagħmel depożitu. Kwalunkwe royalty mhux miġbur mis-sidien tal-SEP fi żmien sena mid-depożitu jiġi rritornat lill-implimentaturi.

Fil-każ tal-għażliet kollha, iċ-ċentru ta' kompetenza jitlob tariffi għall-kostijiet tal-attivitajiet tiegħu kif ukoll għal attivitajiet minn esperti esterni involuti (evalwaturi tal-essenzjalità u konċiljazzjoni).

Liema għażla u min jappoġġaha?

L-għażliet tfasslu wara analiżi estensiva tal-letteratura eżistenti, inkluż il-kontribut tal-Grupp

¹Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

ta' Esperti tal-SEP u tal-industrija matul is-serje tal-Webinar. Dawn ġew diskussi mal-prattikanti b'esperjenza rilevanti. Il-biċċa l-kbira tal-għażliet jistgħu jitqabblu ma' proposti magħmula mill-Grupp ta' Esperti tal-SEP li rċieva appoġġ sinifikanti mill-membri tiegħu. Barra minn hekk, matul il-konsultazzjoni pubblika kien hemm appoġġ qawwi għal aktar informazzjoni pubblika dwar ir-royalties SEPs u FRAND, inkluż dwar ir-royalty aggregat (speċjalment dawk li ġejjin minn implimentaturi tal-SEP). Madwar 53 % tar-rispondenti sabu li l-arbitraġġ kien utli u madwar 35 % sabu li l-medjazzjoni kienet utli. Ir-rispondenti nnotaw li dawk l-istrumenti ma jintużawx biżżejjed, primarjament minħabba li huma kunfidenzjali. In-nuqqasijiet tal-mekkaniżmi eżistenti ġew indirizzati mill-proċess ta' konċiljazzjoni propost (determinazzjoni tal-FRAND). L-SMEs b'mod partikolari nnotaw in-nuqqas ta' riżorsi tagħhom biex jinnegozjaw mas-sidien tal-SEP, u dan jindika l-appoġġ tagħhom għall-miżuri kollha li jnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjoni tagħhom.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-Għażla 4 hija l-għażla ppreferuta. L-għażla tnaqqas l-assimetrija tal-informazzjoni bejn sid ta' SEP u implimentatur billi tipprovdi lil dan tal-aħħar b'informazzjoni dwar min huma s-sidien rilevanti tal-SEP, kemm-il SEP ikunu rreġistraw fir-reġistru u x'inhom r-rata ta' essenzjalità tagħhom (derivata minn kampjun aleatorju rappreżentattiv tal-SEPs irreġistrati kollha) u x'inhom l-kost totali potenzjali (jew massima) tal-użu ta' teknoloġija standardizzata (royalty aggregat). Konċiljazzjoni obligatorja ta' qabel il-proċess aktarx li tnaqqas il-kostijiet tar-riżoluzzjoni tat-tilwim tal-SEP għal madwar 1/8 peress li l-konċiljatur se jgħin liż-żewġ partijiet jilħqu ftehim. Ċentru ta' kompetenza se jipprovdi informazzjoni, gwida u appoġġ oġġettivi lill-SMEs fir-rigward tal-liċenzjar tal-SEPs u tal-SEP. Il-benefiċċji u l-kostijiet huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt

Tabella 1: Il-kostijiet u l-benefiċċji annwali medji approssimati tal-għażla ppreferuta għal kull parti affettwata u għal-lokalizzazzjoni (EUR miljun).

		UE	mhux tal-UE	Total
Implimentaturi tal-SEP	Kostijiet	-0,77	-0,77	-1,5
	Benefiċċji	12,89	13,03	25,9
	<i>Nett</i>	<i>12,11</i>	<i>12,26*</i>	<i>24,4</i>
Detenturi ta' SEP	Kostijiet	-8,13	-46,04	-54,2
	Benefiċċji	3,79	21,50	25,3
	<i>Nett</i>	<i>-4,33</i>	<i>-24,54</i>	<i>-28,9</i>
<i>Subtotal (effett nett għall-implimentaturi u għad-detenturi)</i>		<i>7,8</i>	<i>-12,3</i>	<i>-4,5</i>
Benefiċċju tal-UEP/UNP		29,0		29,0
<i>Benefiċċju nett totali</i>		<i>36,8</i>	<i>-12,3</i>	<i>24,5</i>

* jikkonċerna implimentaturi mhux tal-UE ma' sussidjarji fl-UE;

Nota: numri mqarriba li jistgħu jaffettwaw it-totali

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-maġġoranza tal-kostijiet tal-għażla ppreferuta jithallu mid-detenturi tal-SEP, l-aktar minn barra l-UE. Dawn il-kostijiet jikkonsistu l-aktar mit-tariffa tar-reġistrazzjoni tal-SEP u mir-remunerazzjoni tal-evalwaturi tal-essenzjalità. Barra minn hekk, hemm kostijiet inċerti minħabba l-effetti indiretti tal-għażla, li jistgħu jwasslu għal attività ta' privattivi u b'hekk iżidu l-kostijiet tal-manutenzjoni tal-privattivi.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?
Relattivament hemm ftit SMEs fost is-sidien tal-SEP ibbażati fl-UE (fiċ-ċifri uniċi). Is-sidien tal-SEP tal-SMEs bħalissa ma għandhomx ir-riżorsi biex jagħtu liċenzja lill-SEPs tagħhom b'mod effiċjenti. Ir-reġistru jagħti viżibbiltà u valutazzjoni pożittiva fuq il-portafolli tal-SEP tagħhom, ir-royalty aggregat jgħin biex jiġġustifika d-domandi tar-royalties tagħhom u l-proċedura ta' determinazzjoni tal-FRAND (konċiljazzjoni) toffrilhom opportunità li jfittxu liċenzjar mingħajr ma jidħlu f'litigazzjoni għalja (ara l-ispejgazzjoni taħt il-pass 3). Is-sidien tal-SEP tal-SMEs jibbenefikaw ukoll minn tariffi mnaqqsa. Madwar 85 % tat-3 800 implimentatur potenzjali identifikati tal-SEP huma SMEs. L-SMEs innovattivi diġà qed jgħallqu applikazzjonijiet multipli bl-użu ta' standards bħaċ-ċellulari, il-Wi-fi, u l-NFC. Għalhekk, il-kwistjoni ta' kif għandhom jiġu liċenzjati daww it-teknoloġiji hija rilevanti għal dawn l-SMEs. Din l-inizjattiva tindirizza problemi importanti li jiffaċċjaw l-SMEs matul in-negozjati tal-SEP jew l-ippjanar tan-negozju, bħad-daqs tal-portafolli tal-SEP, ir-royalty aggregat, u d-determinazzjoni tal-FRAND. Barra minn hekk, l-inizjattiva toffri lill-implimentaturi tal-SMEs tariffi mnaqqsa għall-użu tas-servizzi taċ-ċentru ta' kompetenza u parir bla ħlas dwar l-SEPs.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Le. Is-sistema prevista se tiġi ffinanzjata minn tariffi miġbura mill-EUIPO għal kontrolli tar-reġistrazzjoni, tal-essenzjalità, għall-aċċess għar-riżorsi u l-konċiljazzjoni tagħha.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?
Ma huwa mistenni l-ebda impatt sinifikanti ieħor.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
L-ewwel evalwazzjoni għandha ssir ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament.